# Il-Marċ "Victory" ta' Mro Vincenzo Ciappara
## 65 Sena Popolari

**Paul Cilia**


Is-Surmast V. Ciappara

Kien it-12 ta' Mejju 2008 li waqt intervista fuq Radio PBS fi programm ma' Mro Vinnie Vella, il-magħruf leader ta' Dance Orchestra stqarr li l-orkestra tiegħu flimkien ma' xi disgħa dance orchestras oħra, mill-maġġoranza tad-"Dance Clubs and Bars", dawn kollha ġo vettura separata i. e. xarabanks jew trucks mikxufa fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija 1939-1945, kienu jorganizzaw ġurnata xalata fil-Buskett u wara fil-Bajja tal-Armier, "Dak kien żmien!!".

Din kienet tkun ġurnata fil-bidu t'Awwissu ta' kull sena – il-ġurnata l-għada tal-festa ta' San Duminku ċċelebrata ġewwa l-Belt Valletta (ara wkoll "Victor Scerri" – it-Torċa – 10 ta' Lulju 2005 – pġ. 20-21). Ikompli jirrakonta Mro Vinnie li meta filgħaxija jkunu qed jirritornaw lura lejn il-Belt Valletta huma apposta kienu jagħmlu waqfa qasira quddiem ix-"Chalet Lido" ta' Triq it-Torri ġo Tas-Sliema. Jinżlu mill-vetturi l-mużiċisti kollha, u hawn bħal Massed Band jew Grand Orchestra d-disa' Dance Bands flimkien jintonaw u jdoqqu l-marċ tant popolari magħruf "Victory" kompożizzjoni tal-bravu Mro Vincenzo Ciappara surmast direttur tal-Banda Konti Ruġġieru tal-Każin San Pawl – Rabat.

Hawn Mro Vinnie Vella nstema' jkanta fuq Radju PBS il-motiv **(ta ra ra rarara)** u kompla jistqarr:- **"għax il-mużiċisti kollha jafuh dan il-marċ 'Victory' bl-amment u m'għandhomx bżonn tal-partitura mużikali"** u kompla **"u ħalli għall-briju li jafu joħolqu l-partitarji Beltin"** temm jgħid Mro Vinnie Vella. F'din il-waqfa quddiem ix-'Chalet Lido' dawn tant kienu joħolqu briju u storbju li jiġġamjaw għal ħinijiet twal it-traffiku tul Triq it-Torri kollha ġo tas-Sliema. Din ġrat kull sena l-għada tal-festa ta' San Duminku, il-ġurnata tax-xalata u għaldaqstant aktar tard fis-snin il-pulizija pprojbiet u ma bdewx iħallu l-carcade tal-karozzi tax-xalata tal-Beltin jgħaddu minn Triq it-Torri tas-Sliema.

Fl-1979, ħafna minn dawn id-dance bands, mat-tluq tal-baħrin u truppi Ingliżi sfaxxaw u żarmaw kif ukoll il-ħwienet tax-xorb u l-barmaids fi Strada Stretta b'ismijiet bħal **"Rexford" – "Regal" – "Victoria" – "Egyptian Queen" – "Metro" – "The Blue Peter".** Dawn id-dance orchestras kienu training grounds għal ħafna mużiċisti famużi li tħarrġu f'dan l-ambjent. Ta' min josserva li l-mottiv/replika tal-marċ brijuż "Victory" tal-Mro Vincenzo Ciappara, is-soċjetajiet kollha tal-baned Maltin għandhom kopja tal-partitura. Tant huma popolari b'mottiv tal-widna li xi snin ilu partitarji tal-festi Maltin ħolqu innijiet bħal "Ma tagħmlu xejn mal-banda tagħna" u jitkanta mill-partitarji. Din il-popolarità waslet lil xi wħud jittantaw jieħdu vantaġġ minn dan, billi jgħidu li dan il-mottiv ħolquh huma.

Informazzjoni li kien għaddieli l-għażiż missieri Carmelo Cilia, li bħalma ħafna jiftakruh bħal bandist stabbilti mal-Banda Konti Ruġġieru tal-Każin San Pawl, kienet li meta fil-belt ta' Londra, l-Ingilterra, ir-Renju Unit Brittaniku kkomemoraw 'Victory Parade' b'parata grandjuża fit-8 ta' Ġunju 1946, ir-rebħ tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq il-Ġermanja, l-Italja u l-Ġappun. Il-BBC, British Broad Corporation, waqt il-'Victory Parade' għamlu programm ta' mużika nazzjonali għal kull kontinġent minn ta' kull pajjiż fil-Commonwealth li dawn mistiedna ħadu sehem fil-Gwerra fuq in-naħa tal-Allejati. Mad-dehra tal-kontinġent Malti quddiem Buckingham Palace u matul il-Mall, milqugħ b'entużjażmu kbir mill-folol enormi isegwu l-'Victory Parade', il-mużika nazzjonali ta' Malta magħżula f'din l-okkażjoni ndaqq proprju l-marċ 'Victory' kompożizzjoni ta' Mro Vincenzo Ciappara.

U la qegħdin insemmu l-popolarità tal-marċi brijużi, Paul R Miceli, awtur ta' bosta kitbiet interessanti kiteb kumment f'"L-Anzjan Illum" fuljett tal-"Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani" (Ott-Diċ 2004) hekk jistqarr:- "Ġieħ lill-kompożitur Malti – niftakarni tifel fl-iskola tal-Baviera l-Belt u meta konna noħorġu mill-iskola qabda subien konna niġru u nkantaw, 'Ciappara Ciappara kemm jagħmel marċi sbieħ'. Konna nkunu qegħdin nirreferu għal mużiċista u kompożitur Belti Vincenzo Ciappara. Kiteb kemm mużika sagra kif ukoll dik profana, u kull mużika li ħarġet minn idejh kienet mużika tajba. Waqt programm fuq il-BBC f'ġieħ ir-Reġina, Ciappara kellu l-unur li jintgħażel marċ tiegħu – 'LILLIBETH', temm jikteb Paul R Miceli.

Fuq stazzjoni ta' radju lokali bil-progamm "Mal-Bakketta timxi l-banda" fost daqq ta' marċi brijużi Maltin – il-preżentatur tal-programm kellu mistiedna żewġ surmast-diretturi ta' fama. Dawn kienu Mro Carmelo Caruana (Surmast Direttur tal-Banda Cittadina King's Own Valletta) u lill-Mro Andrew Coleiro (Surmast Kompożitur ta' bosta marċi brijużi). Iż-żewġ mużiċisti ġew iffaċjati bil-mistoqsija, fost oħrajn, dwar l-oriġini tal-marċi brijużi Maltin – li mhux stil Militari u anqas stil Spanjol jew dak Taljan. Ir-risposta spontanja taż-żewġ mużiċista mistiedna waqt il-programm kienet li:- "Kien Mro Vincenza Ciappara li ħoloq il-marċi brijużi Maltin bi stil uniku" u għalhekk bir-raġun kollu jitqies bħala r-"Re tal-Marċi Brijużi Maltin".

Aħna r-Rabtin membri tal-Każin San Pawl Banda Konti Ruġġieru ninsabu xxurtjati bil-wirt ta' arkivju mużikali li ħallielna Mro Vincenzo Ciappara u ta' kull sena d-diriġenti tal-Banda Konti Ruġġieru jinkludu marċi brijużi tant mistennija. U mhux ir-Rabtin biss għax sal-lum il-ġurnata l-baned kollha Maltin jinkludu marċi brijużi ta' Mro Ciappara li baqgħu popolari għalkemm komposti tant snin ilu. "Is-sabiħ jibqa' sabiħ dejjem."

Ta' min wieħed jinnota li sal-ġranet tal-lum dawn il-marċi brijużi ta' Mro Vincenzo Ciappara huma l-qofol u huma inklużi f'kull programm ta' marċi fuq diversi stazzjonijiet tar-radju lokali.

Iżda x'kienet ir-raġuni li s-Surmast Ciappara kkompona b'tant maestrija l-marċ "Victory".

Ta' min wieħed jgħid li Mro Ciappara flimkien mal-familja fl-eqqel tal-Gwerra 1939-1945 ġie evakwat ġewwa r-Rabat. Għalkemm kien milqugħ bil-qalb bħala refuġjat mill-bosta ħbieb u ammiraturi u alloġjat qrib sew tal-Każin San Pawl tal-Banda Konti Ruġġieru, iżda l-esperjenza tal-gwerra, ta' tant tbatija – il-ħsara, il-ħerba devastanti li saret f'bini storiku madwar Malta flimkien ma' numru konsiderevoli ta' mwiet ma setax jonqos li jaffettwaw psikoloġikament lis-Surmast Ciappara tant sensittiv u ta' qalb kbira li jaf iħoss u jħobb lil min jaqdi dmiru.

Għalhekk insibu fl-1943 li Mro Ciappara kkompona mużika tassew espressiva "ELEGY" b'dedika "THE GALLIANT DEFENDERS OF MALTA" omaġġ għal tant suldati li mietu waqt li jiddefendu lil Malta tul attakki ħorox u tant baħrin ekwipaġġi li ntilfu mal-vapuri mgħarrqa mill-għadu waqt konvojs lejn Malta sabiex iwasslu provvisti u munizzjoni li kienu tant meħtieġa għall-poplu Malti assedjat u iżolat tul l-imblokk mill-baħar u attakki ħorox mill-ajru.

U allura mal-kisba tar-rebħa u l-vittorja tal-pajjiżi allejati fuq l-għadu Nażista/Faxxista dakinhar it-8 ta' Settembru 1945 kif kien mistenni, is-Surmast Ciappara f'dellirju ta' ferħ kien f'waqtu li jesprimi l-allegrija, is-sentimenti ta' gratitudni lejn id-difensuri qalbiena u b'kapaċità straordinarja ħoloq melodija mużikali eċċezzjonali kif espressa fil-kompożizzjoni tal-marċ "Victory" li jibqa' iferraħna kull meta dan jindaqq.



**Il-'Victory Parade' - Valletta – waqt li waslet maġenb it-Teatru Rjal imġarraf**